*Motivi invokati:* ir-rikorrenti ssostni li l-UASI u l-Bord wettqu żball ta' liġi meta kkonkludew li t-trade marks jixxiebhu legalment u meta kkonkludew *ipso facto* li hemm probabbiltà ta' konfużjoni min-naħa tal-pubbliku rilevanti.

---

**Rikors ippreżentat fil-5 ta' Ġunju 2012 — Uralita vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-250/12)**

(2012/C 243/46)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Uralita, SA (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: K. Struckmann, avukat u G. Forwood, Barrister)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla l-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, tas-27 ta' Marzu 2012, li temenda d-Deċiżjoni C(2008) 2626 finali, tal-11 ta' Ġunju2008, dwar proċediment skont l-Artikolu 81 tat-Trattat tal-KE (li sar l-Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea) u l-Artikolu 53 tal-Ftehim taż-ŻEE (Każ COMP/38.695 — Klorat tas-Sodju), sa fejn dan jimponi multa ta' EUR 4 231 000 fuq ir-rikorrenti;

— tannulla l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2012) 1965, tas-27 ta' Marzu 2012 — Każ COMP/38.695 — Klorat tas-Sodju; u

— tordna li l-konvenuta tbati l-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

(1) L-ewwel motiv, li jallega li d-deċiżjoni li tiġi imposta multa wara li skada l-perijodu ta' preskrizzjoni stabbilit fl-Artikolu 25(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 [1], u li jinżammu l-interessi fuq din is-somma, kienet illegali.

(2) It-tieni motiv, li jallega, alternattivament, li kien illegali li l-Kummissjoni żammet l-ammont tal-multa imposta bid-Deċiżjoni C(2012) 1965 tas-27 ta' Marzu 2012, inklużi l-interessi, qabel ma l-multa kienet dovuta.

---

[1] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, tas-16 Diċembru 2002, fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2 p. 205)

---

**Rikors ippreżentat fit-13 ta' Ġunju 2012 — Diadikasia Symvouloi Epicheiriseon vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-261/12)**

(2012/C 243/47)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Diadikasia Symvouloi Epicheiriseon AE (Chalandri, il-Greċja) (rappreżentant: A. Krystallidis, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tordna kumpens għad-dannu allegatament subit mir-rikorrenti bid-deċiżjoni illegali tad-Delegazzjoni tal-UE fis-Serbja tat-23 ta' Marzu 2012 li tannulla l-għoti tal-kuntratt "Tisħiħ tal-kapaċitajiet istituzzjonali tal-Kummissjoni għall-protezzjoni tal-kompetizzjoni (CPC) fir-Repubblika tas-Serbja" (ĠU 2011 S 147) li ngħata lir-rikorrenti fil-kapaċità tagħha bħala l-kumpannija ewlenija fil-konsorzju tal-imsemmi proġett;

— tikkundannna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi.

(1) L-ewwel motiv jallega li l-konvenuta aġixxiet b'mod illegali billi akkużat lir-rikorrenti b'vantaġġ indebitu fil-konfront tal-offerenti l-oħra, meta dan il-kunflitt ta' interess li r-rikorrenti qed tiġi akkużata bih jikkonċerna kumpannija oħra totalment indipendenti, jiġifieri lil European profiles SA u mhux lir-rikorrenti.

(2) It-tieni motiv jallega li l-konvenuta naqset mill-obbligu tagħha li tipprovdi raġuni ċara u fattwali għall-annullament tal-kuntratt, bi ksur tal-Artikolu 18 tal-Kodiċi ta' Mġiba Amministrattiva Tajba, billi naqset milli tiġġustifika r-raġuni li permezz tagħha r-rikorrenti ingħatat vantaġġ indebitu fil-konfront tal-offerenti l-oħrajn.

(3) It-tielet motiv jallega li l-konvenuta kisret id-dritt għal smigħ tar-rikorrenti billi naqset milli titlobha tesprimi l-pożizzjoni tagħha dwar ir-raġuni li tista' tikkawża kunflitt ta' interess, bi ksur tal-Artikolu 16 tal-Kodiċi ta' Mġiba Amministrattiva Tajba.

(4) Ir-raba' motiv jallega li l-konvenuta kisret l-obbligu tagħha li tagħti lir-rikorrenti aċċess għad-dokumenti li jistgħu jagħtu prova tal-allegata konnessjoni illegali u tal-vantaġġ indebitu lil DIADIKASIA Consortium, skont l-Artikolu 42 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

(5) Il-ħames motiv jallega li dawk l-azzjonijiet tal-konvenuta jikkostitwixxu ksur serju tal-prinċipju ta' ċertezza legali u żball ta' liġi kif ukoll ksur tal-Artikolu 4 tal-Kodiċi ta' Mġieba Amministrattiva Tajba, meta b'mod mhux mistenni annullat id-deċiżjoni tagħha li tagħti l-kuntratt tal-proġett inkwistjoni lill-konsorzju tar-rikorrenti minħabba allegati raġunijiet ta' "kunflitt ta' interess".

## Rikors ippreżentat fit-12 ta' Ġunju 2012 — Central Bank of Iran vs Il-Kunsill

### (Kawża T-262/12)

(2012/C 243/48)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Central Bank of Iran (Tehran, l-Iran) (rappreżentant: M. Lester, Barrister)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/35/PESK, tat-23 ta' Jannar 2012 [1], u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012, tat-23 ta' Marzu 2012 [2], sa fejn dawn il-miżuri adottati f'dawn l-atti jikkonċernaw lir-rikorrent;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka erba' motivi.

(1) L-ewwel motiv jallega li l-konvenut żbalja b'mod manifest meta qies li l-kriterji għat-tniżżil fil-lista li jinsabu fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/35/PESK u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012 ġew issodisfatti.

(2) It-tieni motiv jallega li l-konvenut naqas milli jagħti raġunijiet adegwati u suffiċjenti sabiex jinkludi lir-rikorrent fil-lista ta' persuni u entitajiet li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi.

(3) It-tielet motiv jallega li l-konvenut naqas milli jissalvagwardja d-drittijiet ta' difiża u ta' stħarriġ ġudizzjarju effettiv tar-rikorrent.

(4) Ir-raba' motiv jallega li l-konvenut kiser, mingħajr ġustifikazzjoni jew proporzjon, id-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, inkluż id-dritt tiegħu għall-protezzjoni tal-proprjetà u reputazzjoni tiegħu.

[1] Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/35/PESK, tat-23 ta' Jannar 2012, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 19, p. 22)

[2] Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2010, tat-23 ta' Marzu 2012, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 961/2010 (ĠU L 88, p. 1)

## Rikors ippreżentat fit-12 ta' Ġunju 2012 — Schenker vs Il-Kummissjoni

### (Kawża T-265/12)

(2012/C 243/49)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Schenker Ltd (Feltham, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: F. Montag u B. Kacholdt, avukati, D. Colgan u T. Morgan, Solicitors)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti jitlobu lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla l-Artikolu 1(1)(a) tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea, tat-28 ta' Marzu 2012, dwar proċeduri skont l-Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/39.462 — Trasport ta' merkanzija);

— tannulla kollha kemm hi jew, sussidjarjament, tnaqqas l-ammont tal-multa imposta fl-Artikolu 2(1)(a) tad-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka seba' motivi.

(1) L-ewwel motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni kisret id-drittijiet tad-difiża tar-rikorrent, il-prinċipji ta' smigħ ekwu u amministrazzjoni tajba meta ma waqqfitx l-investigazzjoni fil-mument li rċeviet informazzjoni li l-provi prodotti minn Cleary Gottlieb Steen & Hamilton LLP f'isem Deutche Post AG kienu vvizzjati b'numru ta' ksur skont il-liġi.

(2) It-tieni motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni marret lil hinn mill-kompetenza tagħha meta adottat id-deċiżjoni kkontestata, minkejja li ma setgħetx tagħmel hekk skont ir-Regolament tal-Kunsill Nru 141/1962 [1].